**28 ta' Novembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Gerolamo sive George Mizzi Agius et.

*versus*

Maria Schembri et.

**Mara — Fidejussjoni — Komunjoni tal-Akkwisti — Art. 1373(1), 1389 u 2037 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huwa veru illi d-debiti magħmula mill-mara bil-kunsens ta' żewġha jaqgħu fil-komunjoni tal-akkwisti; imma l-mara tista', bil-kunsens ta' żewġha, tobliga l-beni parafernali tagħha, u tista' wkoll tagħmel garanzija mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti għal obligazzjoni assunta minn persuna diversa minn żewġha.*

*Għaldaqstant, mara miżżewġha li bil-permess ta' żewġha, avvolja mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti, ikkostitwiet ruħ-*

*ħa garanti ta' persuna oħra li mhix ir-raġel tagħha, hija obligata personalment għal dak id-debitu u huma obligati l-beni parafernali tagħha; u għalhekk hija ċitata tajjeb meta tiġi ċitata personalment għall-adempiment tal-garanzija minnha assunta.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, premess li l-imsemmija konvenuta Maria Schembri, *per mezz ta' kuntratt magħmul fl-atti tan-*Nutar Oscar Azzopardi fil-21 ta' Frar 1952, ikkostitwiet ruħha ċerta u likwida debitriċi versu l-attur Gerolamo sive George Mizzi Agius fis-somma ta' £295, u versu l-attriċi Maria Antonia Mizzi fis-somma ta' £240; liema flus l-istess konvenuta Maria Schembri ħadithom mill-poter tal-atturi aħwa Mizzi Agius mingħajr ebda kunsens ta' ebda wieħed jew waħda minnhom; u premess li l-konvenuta Maria Schembri ppromettiet u obligat ruħha li tirrestitwixxi l-imsemmija somma ta' £295 lill-attur Gerolamo sive George *Mizzi Agius bir-rati konsekutivi u ininterrotti ta' 10s. fil-*ġimgħa; u l-ħlas tal-ewwel rata kellu jsir fl-ewwel ta' Marzu 1952, bl-imgħax skalari ta' sitta fil-mija fis-sena dekorribbli mid-data tal-kuntratt, u bid-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu f'każ ta' morożità fil-ħlas ta' żewġ rati konsekuttivi jew somma ammontanti għal żewġ rati (dok. A); u premess li l-istess konvenuta Maria Schembri ppromettiet u obligat ruħha li tirrestitwixxi l-imsemmi somma ta' £240 lill-attriċi Maria Antonia Mizzi Agius bir-rati konsekuttivi u ininterrotti ta' lira fil-ġimgħa, u l-ħlas tal-ewwel rata *kellu jsir fit-23 ta' Frar 1952, bl-istess rata ta' lukri fuq* imsemmija, u bl-istess patt ta' dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu, preċiżament kif fuq intqal (dok. A);

U premess li l-konvenuti Giuseppe u Giuseppa Schembri kkostitwew ruħhom garanti solidali tal-konvenuta Maria Schembri a favur tal-atturi għall-imsemmijin rispettivi krediti tagħhom, u din il-garanzija solidali għandha tibqa' ferma u tibqa' jkollha effett legali sat-totali restituzzjoni tal-imsemmija żewġ kapitali u sal-ħlas tar-relattivi lukri (dok. A);

U premess li l-konvenuta Maria Schembri, bħala debi-

triċi prinċipali, u Giuseppe u Giuseppa Schembri, bħala garanti solidali, ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu fuq imsemmi, billi baqgħu morużi fil-ħlas ta' żewġ rati konsekuttivi;

Talbu illi (1) jiġi dikjarat u deċiż li l-istess konvenuti ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, stante l-morożità fil-pagament ta' żewġ rati konsekuttivi, versu ż-żewġ atturi; (2) l-atturi jiġu awtorizzati li jeżegwixxu l-imsemmi kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Oscar Agius fil-21 ta' Frar 1952, jiġifieri l-attur Gerolamo sive George Mizzi Agius jiġi awtorizzat jeżegwixxi l-imsemmi kuntratt għall-ħlas ta' £296.14.0, in kwantu għal £295 sorte u in kwantu għal £1.14.0 lukri bis-sitta fil-mija sal-lum salvi lukri ulterjuri, u l-attriċi Maria Antonia Mizzi Agius tiġi awtorizzata teżegwixxi l-imsemmi kuntratt għall-ħlas ta' £241.8.2, in kwantu għal £240 sorte, u in kwantu għal £1.8.2 lukri dekorsi sal-lum, bis-sitta fil-mija, salvi lukri ulterjuri. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, inklużi dawk tal-impediment tas-safar tal-21 ta' Frar 1952 kontra l-konvenut Giuseppe Schembri;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, li biha l-konvenuti opponew in-nullità tal-kuntratt imsemmi fiċ-ċitazzjoni, billi l-kunsens tagħhom kien meħud bi vjolenza u mogħti bi żball;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-konvenuti fol. 29, li biha rrinunzjaw għall-eċċezzjoni fuq imsemmija, in vista tas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet inversi tat-12 ta' Ottubru 1960;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri, li biha l-konvenuta Giuseppa Schembri opponiet illi l-eventwali debitu tagħha riżultanti miż-żewġ kuntratti ma hux debitu personali tagħha imma ta' żewġha, peress illi fil-kuntratt hija dehret bil-kunsens ta' żewġha, u għalhekk kienet qegħdha torbot il-komunjoni tal-akkwisti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fl-att a fol. 6 hemm illi l-konvenuta Giuseppa Schembri, bl-intervent u assistenza ta' żewġha l-konvenut, ikkostitwiet ruħha ma' żewġha garanti *solidali* ta' binthom il-konvenuta Maria Schembri a favur ta' Gerolamo u Maria Antonia aħwa Mizzi Agius, li huma l-atturi tal-lum, għar-restituzzjoni tal-kapitali u nteressi msemmija fl-att. Fl-istess att Maria Schembri kkostitwiet ruħha ċerta u likwida debitriċi versu l-imsemmija kumparenti għall-ammonti hemm indikati, li hija kienet "ħaditilhom". Ingħad ukoll fl-att illi, tant il-konvenut kemm il-konvenuta Giuseppa Schembri, ipotekaw "in solidum" bħala garanti solidali a favur tal-komparenti l-oħra kredituri l-beni tagħhom kollha in ġenerali, preżenti u futuri;

Veru illi skond l-art. 1373(1) tal-Kodiċi Ċivili odjern, id-debiti magħmula mill-mara bil-kunsens tar-raġel jaqgħu fil-komunjoni tal-akkwisti, kif osservat il-konvenuta Giuseppa Schembri; però, skond l-art. 1389 tal-Kodiċi Ċivili, il-mara miżżewġa tista', bil-kunsens ta' żewġha, tobliga l-beni parafernali, kif f'dan il-każ kien hemm dan il-kunsens; u skond l-art. 2037 tal-istess Kodiċi, il-mara miżżewġa tista' tagħmel garanzija mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għal obligazzjoni li ma tkunx ta' żewġha. Din il-garanzija assunta mill-konvenuta Giuseppa Schembri ma kienetx għal obligazzjoni ta' żewġha, imma għal dik ta' bintha, biex evidentement tevitalha proċeduri kriminali;

Għalhekk, salva l-kwistjoni eventwali dwar beni dotali jew dwar dotarju skond il-liġi, il-konvenuta setgħet tobliga, bil-kunsens ta' żewġha, il-beni parafernali tagħha, u hekk hija ġiet sewwa personalment ċitata f'din il-kawża, billi hija rabtet bl-att riferit anki l-beni parafernali tagħha;

It-talbiet tal-atturi, ħlief għal £1 li tħallset lill-attriċi Maria Antonia Mizzi Agius fit-23 ta' Frar 1952, huma ġustifikati mill-provi, fosthom dawk tal-kawża msemmija fuq li għalihom saret riferenza. L-ammonti ndikati mill-konvenuti fil-prospett tagħhom fol. 32 huma anteċedenti għall-kuntratt (dok. fol. 6) tal-21 ta' Frar 1952, li fuqu huma bażati t-talbiet tal-atturi;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talbiet tal-atturi, iżda nieqes lira (£1) għall-ammont li jirrigwarda lill-attriċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.